REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/438

tat-3 ta' Marzu 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 184/2014 fir-rigward taż-żieda ta' objettiv tematiku ġdid man-nomenklatura tal-kategoriji ta' intervent fil-qafas tal-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ([1]) u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 184/2014 ([2]) jistabbilixxi n-nomenklatura tal-kategoriji ta' intervent għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħt l-objettiv ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea.

(2) L-Artikolu 92b(9) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) kif emendat bir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4])jistabbilixxi l-objettiv tematiku ġdid "Trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u t-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija", li fil-qafas tiegħu għandhom jingħataw ir-riżorsi addizzjonali mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru. Minħabba ż-żieda ta' dak l-objettiv tematiku, jenħtieġ li t-Tabella 5 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 184/2014 tiġi emendata skont dan.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinament għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej,

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 184/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, it-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw għas-sistema elettronika ta' skambju ta' *data* bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u li jadotta skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, in-nomenklatura tal-kategoriji ta' intervent għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħt il-mira ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 7).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-Tabella 5 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 184/2014, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"13 – Trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u t-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN